

# Benghisa, Ħal Far u l-Missjoni l-Kbira

Arthur Grima

*Għaqda Storja u Kultura*

Il-Missjoni l-Kbira kienet tkun iffurmata minn numru ta' saċerdoti li kienu jkunu fost l-aqwa predikaturi li kont issib fi gżiritna f'dak iż-żmien Li kien jiġri kien li dawn kienu jduru raħal raħal u flimkien kienu jqattgħu madwar tliet ġimgħat iqaddsu u jippridkaw. Tul iż-żmien li kienu jqattgħu f'xi raħal partikulari huma kienu jorqdu hemm ukoll. Dan kien jiġri għal żewġ raġunijiet. L-ewwel raġuni kienet tkun sabiex dawn ikunu iktar qrib il-fidili li kienu jgħixu f'dak ir-raħal partikolari, u t-tieni minħabba t-trasport fqir li kien jeżisti f'dawk iż-żminijiet. Dawn is-saċerdoti kienu jqaddsu fil-knisja parrokkjali ta' dak ir-raħal jew belt li jkunu qed iżuru u wkoll f'xi kappelli oħra fil-kampanja sabiex b'hekk jiżguraw li jkunu laħqu lil kulħadd. Barra minn dan, huma kienu magħrufin l-aktar għall-priedki li ta' kuljum kienu jagħmlu tul il-ġranet li kienu jqattgħu f'dak ir-raħal partikolari.



Il-Kappella tal-Kunċizzjoni f'Benghisa

Fl-1937 fl-inħawi ta' Bengħajsa u Ħal Far kienet saret il-Missjoni l-Kbira u għalhekk diversi saċerdoti kienu ġew għal ħdax-il ġurnata bejn it-30 ta' Settembru u l-10 ta' Ottubru ta' dik is-sena sabiex jaqdu dmirhom f'din il-missjoni li kellhom. F'dak iż-żmien ir-rettur tal-kappella tal-Kunċizzjoni f'Bengħajsa kien Dun Franġisk Magri miż-Żurrieq (ta' Marċell) jew kif kien magħruf aħjar fost il-Benghisin bħala "tal-Ħmara" minħabba l-fatt li kien jinżel miż-Żurrieq permezz ta ħmara.





TIFCHIRA

TAL-MISSJONI L-CBIRA

li saret

fil [illegible] ta Benghajsa

mit 30 ta' Settembru

sa 10 ta Ottobru 1937.

TALBA.

Gesù Alla ta' ruħi agħmel illi d-dawl li tajtni ma tul il-ġranet tal-Missjoni ebda dlam tad-dinja jew tad-demonju ma jarġa katt jitfieh f'ruħi sa l-aħħar ta' ħajti. Marija, omm tiegħi, idħol dejjem għalija.

*Ave Maria.*

Imprimatur
Datum in Curia Ep.ali Melit. die 30 Jan. 1933.
Can. P. GALEA, Vic. Gen.
Nihil obstat Die 25 Jan. 1933.
ALOIS. Can. FARRUGIA
Cens. Theol.

Santa tifkira tal-missjoni l-kbira

Dawn is-saċerdoti kienu marru joqogħdu fil-palazz (torri) li kien hemm eżatt maġenb il-kappella Abbazija u Benefiċċjali ta' Sant Anġlu martri Karmelitan li dari kien hemm f'Ħal Far proprjetà tan-Nobbli Vincenzo Pace Testaferrata. Dawn is-saċerdoti kienu ġabu magħhom diversi bżonnijiet sabiex iservuhom tul dawk il-ġranet li kienu ser iqattgħu f'dawn l-inħawi. Tul dawn il-ġranet huma kienu ta' kuljum iqaddsu, jippridkaw u jqarru kemm fil-kappella ta' Benghisa kif ukoll f'dik ta' Ħal Far. M'għandniex xi ngħidu, din kienet tkun ta' grazzja kbira għan-nies ta' dawn l-inħawi li f'dak iż-żmien kienu jgħoddu fuq il-mijiet, peress li huma kienu jkunu xi ftit neqsin mill-konforti reliġjużi minħabba d-distanzi li jeżistu kemm għall-parroċċa ta'



(fuq) Dun Vinċens Saydon saċerdot miż-Żurrieq wieħed mill-predikaturi u (ġenb) l-Kunvent minn barra



Birżebbuġa kif ukoll għal dik taż-Żurrieq.

Ta' interess partikolari li nsemmu li wieħed minn dawn is-saċerdoti kien iż-Żurrieqi Dun Vinċenz Saydon li kien jiġi l-kuġin tal-Professur Mons. Pietru Pawl Saydon li aktar tard serva għal diversi snin bħala rettur tal-kappella tal-Kunċizzjoni f'Bengħisa. Diversi anzjani minn Bengħisa li għadhom jiftakru din il-Missjoni u li f'dak iż-żmien kienu tfal, jirrakkuntaw b'liema entużjażmu u ferħ dawn il-bdiewa u r-raħħala kienu laqgħu lil dawn is-saċerdoti li bħala rispett lejn il-missjoni tagħhom kienu pprovdew dak kollu neċessarju bħal ma hu ikel, xorb u affarijiet oħra. Fil-faqar u s-sempliċità tagħhom huma kienu pprovdew ospitalità kbira lejn dawn is-saċerdoti vjaġġaturi tal-Kelma ta' Alla.


AUTRONICS CENTRE

*For all types of Car Stereos, Car Accessories, T.V., Aerials & Boosters, Games, Fixing Car Stereos & T.V. Aerials, Praxis Manhattan Digital Receiver, Humax & Radios from Japan*

**Labour Avenue, Għaxaq**

*Tel: 2166 3260 • Mob: 9987 8697*